

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1145/2014

tat-28 ta' Ottubru 2014

li jħassar r-Regolament (KE) Nru 2488/2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/742/PESK tat-28 ta' Ottubru 2014 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK fuq il-manteniment ta' miżuri speċifiċi restrittivi indirizzati kontra s-Sur Milosevic u persuni assoċjati miegħu <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2488/2000 <sup>(2)</sup>, il-fondi kollha u r-riżorsi finanzjarji oħra miż-muma barra r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja li jappartjenu lis-Sur Milosevic u lill-persuni fiżiċi assoċjati miegħu, għandhom jiġu ffriżati u tali fondi kollha u r-riżorsi finanzjarji ma għandhomx jitqiegħu għad-dispożizzjoni, jew għall-benefiċċju, ta' dawk il-persuni elenkati fl-Anness I għal dak ir-Regolament.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/742/PESK, il-Kunsill ħassar il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK <sup>(3)</sup>. Il-Kunsill iddeċieda li ma hemm ebda raġunijiet għaliex għandu jkompli japplika dawk il-miżuri restrittivi minħabba li l-persuni elenkati fl-Anness għal dik il-Pożizzjoni Komuni ma għadhomx jirrapreżentaw theddida għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija.
- (3) Hu għalhekk xieraq li r-Regolament (KE) Nru 2488/2000 jitħassar b'effett immedjat.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2488/2000 huwa b'dan imħassar.

<sup>(1)</sup> Ara l-paġna 99 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2488/2000 tal-10 ta' Novembru 2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/1999 u 607/2000 u Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98 (ĠU L 287, 14.11.2000, p. 19).

<sup>(3)</sup> Il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK tal-10 ta' Novembru 2000 fuq il-manteniment ta' miżuri speċifiċi restrittivi kontra s-Sur Milosevic u l-persuni assoċjati miegħu (ĠU L 287, 14.11.2000, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. L. GALLETTI

---